**RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 428 TAT-28 TA' LULJU, 2006**

Is-Sedja tagħmel riferenza għall-każ ta' ksur ta' privileġġ imressaq mill-Onor Silvio Parnis fis-Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2006.

Bħalma s-Sedja qalet f'diversi rulings preċedenti, l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, tesiġi li jrid ikun hemm l-intenzjoni biex ikun hemm prima facie każ ta' ksur ta' privileġġ;

U anke peress li l-Onor Interpellant fl-ebda moment ma semma' taħt liema artiklu ta' l-Ordinanza kien qed jibbaża t-talba ta' ksur ta' privleġġ;

Għaldaqstant is-Sedja ma jirriúultaliex li hemm każ ta' prima facie ksur ta' privileíí iżda naturalment is-Sedja qed tiddikjara dan bla ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Onor Membru jista' jħoss li għandu jieħu f'fora oħra.